**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 8 ta` Ottubru 2015**

**Rik. Nru. 631/15 JZM**

**Wara l-Mandat ta` Inibizzjoni Nru 777/12 AF**
**fl-ismijiet :-**

**Saviour Ellul**

***kontra***

**Vincent Dalli**

**Rik. Gur. Nru. 713/12 JZM :-**

**Saviour Ellul detentur tal-karta ta` identita` numru 812557M**

***kontra***

**Vincent Dalli detentur tal-karta ta` identita` numru 323154M u Carmen Dalli, u b`nota tas-17 ta` Lulju 2013 assuma l-atti Vincent Dalli flok l-intimata Carmen Dalli li mietet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Fit-30 ta` Gunju 2015, ir-rikorrent Vincent Dalli pprezenta rikors fejn, ghar-ragunijiet indikati, talab lill-Qorti sabiex tirrevoka in parte l-Mandat ta` Inibizzjoni fuq riferit ("il-Mandat") billi tawtorizzah ikompli bix-xoghol ta` kostruzzjoni fis-sit mertu tal-Mandat sitwat fi Triq it-Tempesta, Qrendi, u zzommu ferm biss ghall-parti fejn tmiss mal-hajt divizorju mal-propjeta` tal-intimat Saviour Ellul bl-isem "Millennium 2000", Triq it-Tempesta, Qrendi.

Fit-8 ta` Lulju 2015, il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti, b`sebat ijiem zmien biex iwiegeb bil-miktub.

Fl-4 ta` Awissu 2015, l-intimat Saviour Ellul ipprezenta risposta fejn, ghar-ragunijiet indikati, kien tal-fehma li t-talba tar-rikorrent ghandha tkun michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta 6 ta` Ottubru 2015, fis-1.00 p.m.

Waqt l-udjenza tas-6 ta` Ottubru 2015, il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri ghall-assistiti taghhom.

Ir-rikors thalla ghall-ghoti ta` provvediment kamerali.

## II. Konsiderazzjonijiet

Bil-Mandat, l-intimat kien mizmum milli :-

*jkompli jhammel, jibni jew jaghmel xoghol iehor ta` skavar jew kostruzzjoni fis-site li tinsab fi Triq it-Tempesta, Qrendi, u li hija ndikata fuq*

*is-site plan ... mmarkata bl-ittra "A" u kkulurita bl-isfar, u dana stante illi l-iskavar mhux qieghed isir skont il-ligi billi mhux qed jinzamm id-distsnaza minima rikjesta mil-ligi in partikolari l-artikolu 439 tal-Kodicvi Civili u dana b`perikolu serju ghall-istabilita` tal-propjeta` tar-rikjorrenti li tinsab adjacenti ghas-site fejn qed isir l-iskavar in kwistjoni u cioe` "Millennium 2000", Triq it-Tempesta, Qrendi.*

Ir-rikorrent sejjes it-talba tieghu ghar-revoka parzjali tal-Mandat fuq l-Art 836(1)(f) tal-Kap 12.

Waqt l-udjenza tas-6 ta` Ottubru 2015, sar dan il-verbal :-

*Fuq invit tal-Qorti ghal kjarezza, Dr Lia* (difensur tar-rikorrent) *bla pregudizzju ghal eventwali sottomissjonijiet li sejrin jaghmlu l-konvenuti fl-istadju opportun dwar il-konkluzjonijiet tal-periti addizzjonali, jiddikjara, ghall-fini ta` kjarament, illi l-izvilupp li l-konvenuti  qeghdin jitolbu li jaghmlu huwa taz-zona fil-binja prezenti li ma tikkomprendix is-76 cm mill-hajt komuni, li jkompli jfisser li jekk il-konvenuti jkunu awtorizzati mill-Qorti huma jieqfu mill-izvilupp taghhom sal-limitu ta` 76 cm mill-hajt komuni.*

*In vista ta` din id-dikjarazzjoni, Dr Camilleri* (difensur tal-intimat) *jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni li tista` tiehu l-Qorti dwar ir-rikors tal-konvenuti, purche` ikunu rispettati l-limiti tal-kejl diga` msemmija.*

**Provvediment**

**Billi, fil-kuntest tal-Art. 836(1)(f) tal-Kap 12, hija gustifikata t-talba tar-rikorrent, kif dedotta fir-rikors tieghu tal-lum, qeghda tipprovdi billi taghmel aggustament fil-Mandat fl-ismijiet premessi, fis-sens illi qeghda tawtorizza lir-rikorrent Vincent Dalli illi jkompli bl-izvilupp u l-kostruzzjoni tas-sit li jinsab fi Triq it-Tempesta, Qrendi, liema sit huwa ndikat fis-site plan markata bl-ittra "A", kulurita bl-isfar fl-atti tal-Mandat, u dan limitatament sa distanza li, taht l-ebda cirkostanza, ma ghandha teccedi s-sitta u sebghin centimetru (76 cm) boghod mill-hajt divizorju ta` mal-propjeta` ta` l-intimat Saviour Ellul li ghandha l-isem "Millennium 2000", Triq it-Tempesta, Qrendi.**

**L-ispejjez ta` dan il-procediment ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali fil-kawza dwar il-mertu bejn il-partijiet.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**